MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2004

Avviz Numru. 444/2004

**Rikors numru 444/04DM**

**Allied Newspapers Limited**

**Vs**

**Education Limited**

Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-kumpanija konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elf, sitt mija, wiehed u tletin lira Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm1,631.39) rapprezentanti l-prezz ta' diversi servizzi ta' reklamar debitament rezi lilhom mis-socjeta' attrici fuq ordni u nkarigu specifiku taghhom, liema prezz baqa' ma thallasx, bl-imghax mid-data ta' kull fattura mibghuta mis-socjeta' attrici sal-gurnata tal-pagament

effettiv u bl-ispejjez tal-proceduri gudizzjarji prezenti u sussegwenti kollha kontra l-konvenuti li r-rapprezentati taghhom gew ngunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati la deheru biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas ma deheru fis-seduta tal-lum biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat ukoll id-dokumenti esebiti it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il – Qorti qedgha tilqa’ it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, huma jhallsu s-somma mitluba ta’ elf, sitt mija, wiehed u tletin lira Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm1,631.39), bl-imghaxijiet legali b’effett mill-31 ta’ Mejju, 2004.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------